# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tas-6 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 201/2023 IS**

**HAL MANN VELLA LIMITED (C 28088)**

***VERSUS***

**SEAN SEYCHELL (I.D. 358287 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2023 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' elf ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,573.56) rappreżentanti xogħol illi wettqet is-soċjeta' attriċi lill-konvenut fuq talba tiegħu stess kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023 (a fol. 15).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni tramite affidavits jew *viva voce*.

Ra illi fil-11 ta' Jannar 2024, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 24).

Ra illi fit-13 ta' Marzu 2024, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 37).

Ra illi fit-13 ta' Marzu 2024, il-partijiet kollha għalqu l-provi tagħhom (a fol. 37).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux fatt kontestat bejn il-partijiet illi s-soċjeta' attriċi biegħet lill-konvenut konsistenti f'irħam, granit u materjal ieħor u tqegħid tal-istess fil-kċina tal-konvenut.

Il-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu illi s-soċjeta' attriċi tisħaqq illi għandha titħallas l-ammont dovut li baqa' tax-xogħolijiet illi hija wettqet filwaqt illi l-konvenut jallega illi huwa mhuwiex dovut ebda ħlasijiet lejn is-soċjeta attriċi ġjaladarba s-soċjeta' attriċi ma wettqitx xogħolha skond is-sengħa u l-arti.

Ix-xogħol ta' appalt u jekk tali xogħol sarx skond is-sengħa u l-arti

Tali xogħol illi wettqet is-soċjeta' attriċi fil-fond tal-konvenut huwa xogħol ta' appalt, u dan skond l-Artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Sabiex ikun determinat jekk is-soċjeta' attriċi wettqitx xogħolha skond is-sengħa u l-arti, huwa ferm importanti illi t-Tribunal iħares lejn il-provi prodotti mill-partijiet f'din it-talba. Dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi dan it-Tribunal jifhem illi t-talba ta' espert tekniku mill-partijiet setgħet tiswa' l-flus, hekk kif anke rrimarkat mir-rappreżentanza legali tal-konvenut fil-finali trattazzjoni, u liema parti tat-trattazzjoni tinsab a fol. 41, dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi hu minn rajh jekk tali xogħol sarx skond is-sengħa u l-arti għaliex m'għandux il-fakolta' neċessarja sabiex jiddetermina tali fatt.

Biss pero', tali Tribunal seta' forsi jasal li x-xogħol mis-soċjeta' attriċi ma sarx skond is-sengħa u l-arti peress illi skond l-affidavit ta' Adrian Vella, li huwa impjegat mas-soċjeta' attriċi bħala *customer care executive*, u liema affidavit kien ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2024, u li jinsab a fol. 32, jgħid illi "*kien hemm chipjatura li kienet saret waqt l-installation*." Il-konvenut ukoll ipprovda ritratti sabiex juri illi l-irħama hija mkissra, liema ritratt jinsab a fol. 36 u ukoll xehed f'dan ir-rigward fit-13 ta' Marzu 2024 liema xhieda tinsab a fol. 38 u 39.

Biss pero', huwa fatt illi l-konvenut, għalkemm mhux kuntent bix-xogħol, għadu jagħmel użu minn dan il-wiċċ tal-kċina għaliex fl-ebda moment ma qal illi biddlu b'dan illi ma jistax jippretendi illi ma jħallasx tax-xogħol mogħti lilu mis-soċjeta' konvenuta għaliex dan imur lil hinn minn kull buon sens li jista' jkun applikabbli. Inoltre', la darba x-xogħol ikun determinat li ma sarx skond is-sengħa u l-arti, il-ġurisprudenza nostrana tipprovdi illi "*l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat*", hekk kif kien diskuss, fost oħrajn, fis-sentenza ***George FARRUĠIA u Salvina sive Silvana Farruġia vs Raymond FARRUĠIA***.[1] F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi fl-istess affidavit

[1] 30 ta' April 2009, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 2521/1999/1

ta' Adrian Vella hawn fuq imsemmi, huwa ikompli jgħid illi "*izda din kienet trangat*." Ukoll, Adrian Vella fl-istess affidavit jgħid illi s-soċjeta' attriċi kienet lesta li terġa' tipprovdi t-tiswijiet neċessarji pero' l-konvenut m'aċċettax. B'dan ukoll illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-kontro-eżamijiet neċessarji, fosthom ta' Adrian Vella, sabiex ikun ribadit dak li Adrian Vella qal fl-affidavit u anqas talab illi jkun hekk maħtur espert tekniku sabiex ikun jista' jikkonkludi x'kellu jkun in-nuqqas fil-prezz *se mai*. B'dan illi allura dan it-Tribunal m'għandux triq oħra ħlief illi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tagħha.

L-ammont dovut mill-konvenut u l-imgħax u l-ispejjeż

Is-soċjeta attriċi ipprovdit il-kopji tal-*invoice* illi jinsabu a fol. 5 u a fol. 27 sa 31 illi kollha juru illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' elf ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,573.56)

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data tal-fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali, is-soċjeta' attriċi ippreżentat kopja tal-imsemmija ittra u li tinsab a fol. 3, u liema spejjeż għandhom ikunu a karigu tal-konvenut ġjaladarba jidher illi kien nuqqas tal-konvenut sabiex jipprovdi raġuni valida hekk kif spjegat iktar 'il fuq għaliex ma ħallasx l-ammont dovut.

Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji, ikunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' elf ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,573.56) rappreżentanti xogħol illi wettqet is-soċjeta' attriċi lill-konvenut fuq talba tiegħu stess kontra l-konvenut kif ukoll l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mid-data tal-fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali numru 1360/2022.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur